32000R2603

L 301/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.11.2000

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2603/2000
tas-27 ta' Novembru 2000
li jimponi taxxa kompensatorja u l-ġbir definittiv tad-dazji proviżjonali imposti fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tereftalat tal-polietilene li joriġina mill-Indja, Malasja u t-Tajlandja u li jtemm il-proċediment kontra s-sussidji fir-rigward ta' l-importazzjonijiet ta' ċerti tereftalat tal-polietilene li joriġina mill-Indonesja, r-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni mill-importazzjonijiet issussidjati minn pajjiżi li mhux membri tal-Komunità Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 15 tiegħu,

Wara li kkonsidra l-proposta sottomessa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. MIŻURI PROVIŻJONALI

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1741/2000 [2], ("Regolament Proviżjonali"), taxxi kompensatorji proviżjonali ġew imposti fuq l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċerti tereftalat tal-polietilene li joriġina mill-Indja, Malasja, t-Tajwan u t-Tajlandja.

(2) Bħala riżultat ta' investigazzjoni dwar anti-dumping parallel, dazji anti-dumping proviżjonali kienu imposti taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1742/2000 [3] dwar importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċerti tereftalat tal-polietilene li joriġina mill-Indja, Indonesja, Malasja, r-Repubblika tal-Korea, t-Tajwan u t-Tajlandja.

(3) Qed jiġi mfakkar li l-investigazzjoni ta' ssussidjar u danni kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottibru 1998 sat-30 ta' Settembru 1999 ("IP"). L-eżami tat-tradizjonijiet relevanti għall-analiżi tad-danni kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 1996 sa' l-aħħar ta' l-IP ("il-perjodu analizzat").

B. PROĊEDURA SUSSEGWENTI

(4) Wara l-iżvelar tal-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzali li fuq il-bażi tagħhom ġie deċiż li jkunu imposti l-miżuri proviżorji, ħafna partijiet interessati ssottomettew il-kummenti tagħhom bil-miktub. Skond id-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 11(5) tar-Regolament (KE) Nru. 2026/97 ("Regolament bażiku"), il-partijiet interessati kollha li talbu li jkollhom smiegħ ingħatatilhom opportunità li jinstemgħu mill-Kummissjoni.

(5) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għas-sejbiet definittivi.

(6) Il-partijiet kollha kienu informati bil-fatti essenzali u l-konsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom kien intiż li tkun irrakkomandata l-imposizzjoni ta' taxxi kompensatorji definittivi u l-ġabra definittiva ta' ammonti garantiti permezz ta' dazji proviżjonali.

Ingħatalhom ukoll perjodu li fih dawn setgħu jagħmlu r-rappreżentazzjonijiet tagħhom wara li jkun sar l-iżvelar.

(7) L-argumenti orali u bil-miktub ssotemessi mill-partijiet ġew ikkunsidrati, u, fejn instab li kien xieraq, meqjusa għas-sejbiet definittivi.

(8) Wara li ġew rieżaminati s-sejbiet proviżjonali fuq il-bażi ta' l-informazzjoni miġbura sa minn dak iż-żmien, ġie konkluż li s-sejbiet l-iktar importanti huma stabbiliti fir-Regolament Proviżjonali għandhom b'dan jiġu kkonfermati.

C. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILARI

1. Prodott ikkonċernat

(9) Ir-Regolament proviżjonali ddeskriva l-prodott ikkonċernat bħala tereftalat tal-polietilene ("PET") b'koeffiċjent ta' viskożità ta' 78ml/g jew ogħla, skond id-DIN (Deutsche Industrienorm) 53728, li jaqa' fi ħdan il-kodiċi CN nru 3907 60 20 u l-kodiċi CN ex 3907 60 80 (kodiċi TARIC 3907 60 80 10). Minħabba li ma ġew irċevuti l-ebda osservazzjonijiet ġodda fir-rigward ta' din id-definizzjoni, is-sejbiet proviżjonali fir-rigward tal-prodott ikkonċernat huma b'dan ikkonfermati.

[1] ĠU L 288, tal-21.10.1997, p. 1.
[2] ĠU L 199, tal-5.8.2000, p. 6.
[3] ĠU L 199, tal-5.8.2000, p. 48.

2. **Prodott similari**

(10) Fil-premessa nru. 16 tar-Regolament proviżjonali, instab li PET magħmul mill-industrija tal-Komunità u mibjugħ fis-suq tal-Komunità kif ukoll PET magħmul fil-pajjiżi kkonċernati u esportat lejn il-Komunità huma prodotti similari, minħabba li ma kienx hemm diferenzi fil-karatteristiċi bażiċi fiżikali u tekniċi u użu tat-tipi differenti li jeżistu ta' PET. Minħabba li ma ġiet sottomessa l-ebda evidenza ġdida, is-sejbiet proviżjonali fir-rigward tal-prodott similari huma kkonfermati.

D. **SUSSIDJI**

(11) Is-sejbiet magħmula fir-Regolament Proviżjonali fir-rigward tas-sussidji kompensatorji miġjuba mill-produtturi u esportaturi huma b'dan definittavement kkonfermati, sakemm ma jkunx espressament miktub diversament f'dan id-dokument.

I. INDJA

Punti Ġenerali

1. **Inizjazzjoni**

(12) Il-Gvern ta' l-Indja (GOI) jallega li l-Kummissjoni bidet din l-investigazzjoni fi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 11(2) tal-Ftehim tal-WHO dwar is-Sussidji u Miżuri Kompensatorji (Ftehim SCM). Il-GOI jallega li l-informazzjoni fl-ilment dwar l-issussidjar u d-danni ma kienitx eżatta u kompluta u b'hekk ma kkostitwietx biżżejjed evidenza sabiex jinbeda' dan il-proċediment.

(13) F'risposta għal dan l-argument, instab li l-ilment kellu biżżejjed evidenza ta' ssusidjar u danni fl-ambitu ta' l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Bażiku u l-Artikolu 11(2) tal-Ftehim SCM. L-ilment kellu informazzjoni dwar issusidjar, danni u każwalità li kienet raġonevolment għad-dispożizzjoni ta' min għamel l-ilment. Fir-rigward ta' ssusidjar, għandu jiġi mfakkar li l-parti l-kbira tal-programmi għad-dispożizzjoni fl-Indja diġa' ġew eżaminati u kkontrollati f'investigazzjonijiet preċedenti li involvew importazzjonijiet mill-Indja e.g. film tal-PET, prodotti ta' l-azzar ċatt eċċ. L-evidenza fl-ilment ġiet eżaminata mill-Kummissjoni għall-adegwatezza u l-eżattezza tagħha skond l-Artikolu 10(3) tar-Regolament bażiku, u nstab li din kienet biżżejjed sabiex tassigura l-inizjazzjoni tagħha. B'hekk, din l-allegazzjoni ma tistgħax tiġi milqugħa.

2. **Nota ta' inizjazzjoni**

(14) Il-GOI jallega li n-nota ta' inizjazzjoni [1] ma tilħaqx il-kriterji ta' l-Artikolu 22(2) tal-Ftehim SCM minħabba li din m'għandiex informazzjoni fuq il-bażi li fuqha qed jiġi allegat is-sussidjar fl-applikazzjoni, u taqsira tal-fatti li fuqhom hi bbażata l-allegazzjoni ta' danni

(15) L-Artikolu 22(2) tal-Ftehim SCM jistabbilixxi li nota pubblika ta' investigazzjoni għandu jkollha biżżejjed informazzjoni dwar, inter alia, deskrizzjoni tal-prattiċi ta' ssusidjar u taqsira tal-fatti li fuqhom hi bbażata l-allegazzjoni tad-danni. Fir-rigward ta' l-allegazzjoni ta' sussidjar, intqal fin-nota ta' inizzjazzjoni li "huwa allegat li l-produtturi tal-prodott ikkonċernat mill-Indja bbenefikaw min-numru ta' sussidji mogħtija mill-Gvern ta' l-Indja. Dawn is-sussidji huma eżenzjoni mit-taxxa tad-dħul, importazzjonijiet ta' materja prima u prodotti kapitali mingħajr ħlas ta' dazji ta' l-importazzjoni u benefiċji għall-azjendi orjentati lejn l-esport u azjendi li jinstabu f'żoni ta' pproċessar għall-esportazzjoni", u li "Huwa allegat li l-iskemi msemmija hawn fuq huma sussidji minħabba li dawn jinvovlu kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Gvern ta' l-Indja u jikkonferixxu benefiċju fuq ir-reċipjenti, i.e. fuq l-esportaturi tat-tereftalat tal-polietilene. Dawn, huwa allegat, huma kontinġenti fuq l-effiċjenza ta' l-esportazzjoni u b'hekk speċifika u kompensattiva". Fir-rigward ta' l-allegazzjoni ta' danni, kien stabbilit fin-nota ta' inizjazzjoni li "l-ilmentarju pprovda evidenza li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Indja, l-Indonesja, ir-Repubblika tal-Korea, il-Malasja, Tajwan u t-Tajlandja żiedu f'termini assoluti u f'termini ta' sehem tas-suq" u aktar minn dan "Huwa allegat li l-volumi u l-prezzijiet tal-prodott importat ikkonċernat kellhom, fost konsegwenzi oħrajn, impatt negattiv fuq is-sehem tas-suq u l-livell tal-prezzijiet mitluba mill-produtturi tal-Komunità, b'riżultat ta' effetti sostanzjalment kontrarji fuq l-effiċċjenza totali u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-industrija tal-Komunità"

It-test t'hawn fuq ikkostitwixxa taqsira adegwata ta' l-allegazzjonijiet marbuta ma' sussidji u danni.

Sussidji

1. **Skemi Passbook ta' Intitolar għad-Dazji (DEPB)**

(a) *DEPB fuq bażi pre-esportazzjoni*

(16) Il-GOI jippremetti li d-DEBO fuq il-bażi ta' pre-esportazzjoni ġiet abolita fl-1 ta' April 2000. B'hekk, l-ebda dazji kompensattivi m'għandhom jiġu imposti taħt dan il-programm minħabba li l-imposizzjoni ta' dazji tmur kontrarju għall-Artikolu 15 tar-Regolament bażiku

(17) Wara l-iżvelar, il-GOI ssottometta evidenza li dan il-programm effettivament skada u mhux ser jibqa' jikkonferixxi benefiċji lill-produtturi u esportaturi fl-Indja. B'hekk, dan l-ilment huwa aċċettat u l-benefiċċju huwa eskluż mill-kalkolazzjoni tar-rati ta' sussidju. Minħabba li dan il-programm m'għadux miżmum, m'huwiex neċessarju li jittieħed kont ta' l-ilmenti l-oħrajn magħmulin mill-partijiet interessati fir-rigward ta' dan il-programm.

[1] ĠU C 319, tas-6.11.1999, p. 2.

(b) *DEPB fuq bażi post-esportazzjonijiet*

(18) Il-GOI jippremetti li l-Kummissjoni għamlet żball manifest fl-istima tal-kompensazzjoni ta' din l-iskema. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ikkonkludiet ħażin li l-GOI m'għandu l-ebda sistema ta' verifikazzjoni li tivverifika liema oġġetti huma kkonsmati fil-proċess ta' produzzjoni u li din is-sistema hija applikata b'mod effettiv. Aktar minn dan, dawn jallegaw li l-istima tal-Kummissjoni tal-benefiċċji taħt dawn l-iskemi ma kienitx korretta minħabba li d-dazju eċċessiv seta' jkun ikkunsidrat bħala sussidju skond l-Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku.

(19) Il-Kumissjoni użat il-metodu segwenti sabiex tistabbilixxi jekk id-DEPB fuq il-bażi post-esportazzjoni tikkostitwixxi sussidju kompensatorju u jekk iva, sabiex tikkalkola l-ammont ta' benefiċċju. Skond l-Artikolu (2)(1)(a)(ii) tal-Regolament bażiku, ġie konkluż li din l-iskema tinvolvi kontribuzzjoni finanzjarja mill-GOI minħabba li d-dħul tal-gvern (i.e. dazji fuq l-importazzjoni) li tkun dovuta ma tiġix miġbura.

(20) Mandakollu, l-Artikolu 2(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku jipprovdi għal eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali dwar, inter alia, skemi drawback u ta' sostituzzjoni ta' drawback li jkunu konformi mar-regoli stretti mniżżla fl-Anness I(i) u l-Anness II (definizzjoni u regoli għad-drawback) u l-Anness III (definizzjoni u regoli għas-sostituzzjoni tad-drawback) tiegħu.

(21) L-analiżi żvelat li DEPB fuq bażi post-esportazzjoni m'hijiex skema ta' drawback jew sostituzzjoni ta' drawback. L-iskema investigata m'għandiex obbligazzjoni fiha li jiġu importati biss prodotti li huma kkonsmati fil-produzzjoni tal-prodotti għall-esportazzjoni (L-Anness II tar-Regolament bażiku). Aktar min dan, m'hemm l-ebda sistema ta' verifikazzjoni sabiex tikkontrolla jekk l-importazzjonijiet humiex attwalment ikkonsmati fil-proċess tal-produzzjoni. Ukoll, din m'hijiex skema ta' sostituzzjoni drawback minħabba li l-prodotti importati m'għandhomx bżonn li jkunu ta' l-istess kwantità u karatteristika bħall-prodotti li ġejjin domestikament u li kienu użati għall-produzzjoni intiża għall-esportazzjoni (L-Anness III tar-Regolament Bażiku). Fl-aħħar, il-produtturi u esportaturi huma eliġibbli għall-benefiċċji DEPB mingħajr distinzjoni jekk dawn jimportawx prodotti sabiex jikkonsmawhom fil-produzzjoni. Esportatur jottjeni l-benefiċju sempliċiment billi jesporta l-prodotti mingħajr il-bżonn li juri li kwalunkwe materjal użat fil-produzzjoni kien fil-fatt importat; b'hekk, il-produtturi li jesportaw li jottjenu l-materjali użati fil-produzzjoni lokalment u li ma jimportawx oġġetti li jistgħu jkunu użati fil-produzzjoni huma xorta intitolati għall-benefiċji DEPB. B'hekk, id-DEPB fuq il-bażi post-esportazzjoni m'hix konformi ma' l-ebda mid-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi I sa III. Minħabba li din l-eċċezzjoni għad-definizzjoni ta' l-Artikolu 2 ma tapplikax, il-benefiċju kompensatorju huwa r-remissjoni tad-dazji kollha ta' l-importazzjoni normalment applikabbli għall-importazzjonijiet.

(22) Minn dan t'hawn fuq, ikompli b'mod ċar li r-remissjoni żejda tad-dazji ta' l-importazzjoni hija l-bażi sabiex jiġi kkalkolat l-ammont ta' benefiċju biss fil-każijiet ta'skemi ta' drawback bona fide. Minħabba li huwa stabbilit li d-DEPB fuq il-bażi ta' post-esportazzjoni ma taqgħax f'waħda minn dawn iż-żewġ kategoriji, il-benefiċju huwa r-remissjoni totali tad-dazji ta' importazzjoni, u mhux kwalunkwe remissjoni ta' suppost dazji żejda.

(23) Fir-rigward tas-sistema ta' verifikazzjoni, dan l-argument huwa marbut mal-punt jekk id-DEPB fuq il-bażi post-esportazzjoni tistgħax tiġi kkonsidrata bħala skema ta' drawback jew ta' sostituzzjoni ta' drawback. Minħabba li kien stabbilit li d-DEPB fuq il-bażi ta' post-esportazzjoni m'hijiex skema ta' drawback jew ta' sostituzzjoni ta' drawback kif definiti fl-Annessi II u III tar-Regolament bażiku m'hemm għalfejn li ssir l-ebda eżaminazzjoni ulterjuri. Anke jekk id-DEPB kellha tolqot il-kriterji ta' l-Annessi II u III, ġie konkluż li ma teżisti l-ebda sistema ta' verifikazzjoni raġonevoli. In-normi ta' oġġetti ta' dħul/ħruġ huma lista ta' oġġetti possibli li jistgħu jkunu kkonsmati fil-proċess tal-produzzjoni u dak li għaliħ din tammonta. Madankollu, n-normi ta' oġġetti ta' dħul/ħruġ m'humiex sistema ta' verifikazzjoni fl-ambitu tal-paragrafu 5 ta' l-Anness II tar-Regolament bażiku. Dawn in-normi ma jipprovdux għal verifikazzjoni ta' oġġetti ta' dħul li huma attwalment ikkonsmati fil-proċess ta' produzzjoni u ma jipprovdux għal sistema ta' verifikazzjoni jekk dawn l-oġġetti ta' dħul kienux effettivament importati.

(24) Għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, din l-allegazzjoni ma tistgħax tiġi milqugħa u s-sejbiet proviżjonali fir-rigward tal-kompensabilità ta' din l-iskema u l-kalkolazzjoni tal-benefiċċju huma kkonfermati.

2. **Żoni ta' Proċessar ta' l-Esportazzjonijiet (EPZ/Unitajiet Orjentati lejn l-Esportazzjoni (EOU))**

(25) Produttur u esportatur wieħed u l-GOI allegaw li l-benefiċċji ottenuti mill-iskema EOU m'għandhomx ikunu kkonsidrati bħala li jikkostitwixxu sussidju, minħabba li l-eżenzjoni mis-sisa u d-dazju taħt din l-iskema hija mogħtija biss għall-kwantita ta' oġġetti ta' dħul ikkonsmati fil-produzzjoni tal-prodott finali li huwa esportat. Din l-iskema, huwa allegat, tikkostitwixxi sistema ta drawback f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I (i) u l-Anness II tar-Regolament bażiku.

(26) Żewġ esportaturi Indjani jinsabu fl-EOU. Mingħajr preġudizzju għad-domanda jekk l-iskema tikkostittwix sistema drawback skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni, wara eżaminazzjoni ulterjuri, taċċetta li m'hemm, filfatt, l-ebda remissjoni żejda ta' dazju fil-każ ta' kwalunkwe mill-ażjendi kkonċernati. B'konsegwenza ta' dan, fl-investigazzjoni preżenti, l-eżenzjoni mid-dazji fuq materja prima m'għandiex tkun kompensatorja għal-dawn l-azjendi.

(27) L-ammont ta' sussidji għaż-żewġ azjendi li jinstabu fil-EPZ/EOU ġew limitati għal-dazji doganali eżentati mill-oġġetti kapitali, u ġew rispettivament mnaqqsa minn 0,37 % u 4,43 %.

3. **Skema ta' Promozzjoni għall-Esportazzjoni ta' Oġġetti Kapitali (EPCGS)**

(28) Il-GOI jinnota li taħt l-iskema EPCD m'hemm l-ebda obbligazzjoni imposta fuq il-benefiċjarju sabiex jesporta il-prodotti kollha magħmulin minn oġġetti kapitali, u li min għandu l-liċenza huwa ħieles sabiex ibiegħ parti mill-produzzjoni fis-suq domestiku. Il-GOI b'hekk argumenta li kwalunkwe benefiċju mogħti taħt din l-iskema għandha tiġi allokata fuq il-produzzjoni kollha.

(29) F'risposta għal dan l-argument, għandu jingħad illi, kif spjegat fil-premessa nru. 52 tar-Regolament proviżjonali, skond il-livell ta' involviment fl-esportazzjoni li azjenda ppreparata li tieħu, l-azjenda għandha titħalla timporta oġġetti kapitali kemm jekk b'rata ta' dazju ta' żero jew b'rata mnaqqsa. Din l-iskema, b'hekk hija kontinġenti bil-liġi fuq l-effiċċjenza fl-esportazzjoni minħabba li l-ebda benefiċċju ma jista' jkun ottenut mingħajr involviment fl-esportazzjoni tal-prodotti. Bħala tali, huwa kkunsidrat li huwa speċifiku taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3(4)(a) tar-Regolament bażiku. Minħabba li s-sussidju huwa sussidju fuq l-esportazzjoni, huwa kkonsidrat li jgħin biss lill-bejgħ fl-esportazzjonijiet. F'konklużjoni, id-denominatur korrett huwa l-bejgħ totali ta' l-esportazzjoni.

(30) Minħabba li ma ġewx irċevuti kummenti oħrajn fir-rigward ta' din l-iskema wara l-iżvelar tas-sejbiet proviżjonali, is-sejbiet fil-premessi 50 sa 57 tar-Regolament proviżjonali huma b'dan ikkonfermati.

4. **Ammont ta' sussidji kompensatorji**

(31) Is-sussidji kollha li nstabu kienu identifikati bħala sussidji ta' l-esportazzjoni. L-ammont ta' sussidji kompensatorji ta' l-esportazzjoni, espressi ad valorem, għall-produtturi u esportaturi investigati huwa kif ġej:

Tip ta' sussidju	DEPB	EPCGS	EPZ/EOU	Total
	Post-export			
Reliance Industries Limited	6,52 %	1,71 %		8,23 %
Futura Polymer Limited			0,37 %	0,37 %
Pearl Engineering Polymers Limited	5,01 %	0,79 %		5,8 %
Elque Polyesters Limited			4,43 %	4,43 %
L-oħrajn kollha				8,23 %

(32) Il-medja peżata tal-marġini ta' sussidju għall-produtturi u esportaturi kollha investigati, li jirrapreżentaw iktar minn 90 % ta' l-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità u li joriġina mill-Indja huwa ogħla mill-marġini ta' 3 % de minimis applikabbli għal dan il-pajjiż.

(33) Fid-dawl tal-livell għoli ta' kooperazzjoni, r-rata residwali għall-azjendi li ma jikkooperawx kienet determinata bħala l-ogħla marġini ta' sussidju ta' l-azjendi li kkooperaw, i.e 8,23 %.

II. INDONESJA

(34) Minħabba li ma ġewx irċevuti l-ebda kummenti sostanzjali wara l-iżvelar tas-sejbiet proviżjonali, il-konklużjoni li l-marġini ta' sussidju għall-Indonesja għandu jiġi kkonsidrat bħala negliġibbli u s-sejbiet tal-premessa nru. 78 tar-Regolament proviżjonali huma b'dan ikkonfermati. B'hekk, il-proċediment fir-rigward ta' l-Indonesja għandu jiġi mitmum.

III. KOREA

(35) Minħabba li ma ġewx irċevuti l-ebda kummenti sostanzjali wara l-iżvelar tas-sejbiet proviżjonali, il-konklużjoni li l-marġini ta' sussidju għall-Korea għandu jiġi kkonsidrat bħala negliġibbli u s-sejbiet tal-premessa nru. 79 tar-Regolament proviżjonali huma b'dan ikkonfermati. B'hekk, il-proċediment fir-rigward ta' l-Indonesja għandu jiġi mitmum.

IV. MALASJA

1. **Introduzzjoni**

(36) Fir-Regolament Proviżjonali, il-benefiċċju miġjub mill-Istatus ta' Pijunier ġie stabbilit fil-premessa nru. 132 u li hi klassifikata ħażin bħala sussidju ta' l-esportazzjoni. Mandankollu, is-sejbiet ta' kompensazzjonijiet ta' l-iskema fil-premessi nru. 93 so 95 bħala sussidju speċifiku domestiku huma b'dan ikkonfermati. Dan jimplika li l-ammont ta' sussidju misjub m'għandux aktar jiġi paċut mad-dazji anti-dumping.

(37) Minħabba li ma ġewx irċevuti l-ebda kummenti wara l-iżvelar tas-sejbiet proviżjonali, s-sejbiet tal-premessi nru. 80 sa 133 tar-Regolament proviżjonali huma b'dan ikkonfermati, soġġetti għall-korrezjoni ta' ċerti żbalji ta' kalkolazzjoni.

2. **Ammont ta' sussidji kompensatorji**

(38) L-ammont ta' sussidji kompensatorji ta' l-esporti skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, espressi ad valorem, għall-produtturi u esportaturi investigati huma kif ġej:

Tip ta' sussidju	Esport	Domestiku		Esport	Total
	Tnaqqis Doppju	Status ta' Pijunier	Eżenzjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni u eżenzjoni mit-taxxi tal-bejgħ	Eżenzjoni fuq id-dazji ta' l-importazzjoni u eżenzjoni fuq it-taxxa tal-bejgħ	
Hualon Corporation (M) Sdn. Bhd.	0	3,3 %	0	0,27 %	3,57 %
MPI Polyester Industries Sdn. Bhd.	0	0	0,91 %	0	0,91 %
L-oħrajn kollha					3,57 %

(39) Il-medja peżata tal-marġini ta' sussidju għall-produtturi u esportaturi kollha investigati, li jirrapreżentaw iktar minn 90 % ta' l-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità u li joriġina mill-Malasja huwa ogħla mill-marġini ta' 2 % de minimis applikabbli għal dan il-pajjiż.

V. TAJWAN

(40) Kumpanija waħda sostniet li l-Kummissjoni għamlet żball fil-kalkolazzjoni għall-benefiċċju tagħha miġjub taħt l-iskema ta' eżenzjoni tad-dazji għall-makkinarju. Il-benefiċju miġjub taħt din l-iskema gie rikalkolat u instab li sar żball fil-kalkolazzjoni. L-iżball ġie kkoreġut u l-benefiċċju taħt dan il-programm ġie mnaqqas minn 1,92 % għal 0,27 %.

(41) Il-Kummissjoni, wara dan, għamlet investigazzjoni sħiħa tad-dossier kollu tat-Tajwan, inklużi kontrolli tal-kalkolazzjonijiet għall-erba' esportaturi u produtturi kollha sabiex jiġi investigat l-impatt ta' din ir-reviżjoni u b'hekk jiġi determinat il-marġini tas-sussidju tal-pajjiż.

(42) Ġie stabbilit li, bħala riżultat tat-tnaqqis fir-rata tas-sussidju ta' l-azjenda t'hawn fuq, il-marġini tal-pajjiż kien imnaqqas għal 0,94 %, li huwa inqas mill-limitu ta' 1 % de minimis għal dan il-pajjiż. B'hekk, l-investigazzjoni dwar l-importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajwan għandhom jiġu mwaqqfa.

VI. TAJLANDJA

1. **Ġenerali**

(43) Fl-istadju proviżjonali, instab li għalkemm żona waħda fit-Tajlandja (żona nru. 3) hija kjarament żona ġeografikament nominata li taqa'taħt id-definizzjoni ta' reġjun żvantaġġat skond l-Artikolu 4(3) tar-Regolament bażiku, il-benefiċċji ta' l-iskemi differenti tas-sussidji huma settoralment speċifiċi minħabba li l-aċċess għall-programmi huwa limitat għal ċerti industriji. Il-Gvern tat-Tajlandja (GOT) jallega li l-iskemi huma disponibbli għal varjetà ta' industriji u huma, bħala konsegwenza, ġeneralment disponibbli.

(44) Instab li l-GOT stabbilixxa lista limitata ta' attivitajiet li huma eliġibbli għall-promozzjoni ta' l-investiment, li mid-definizzjoni tillimita l-aċċess għas-sussidji minħabba li l-azjendi li jimmanifatturaw il-prodotti u li m'humiex ippromwovuti m'humiex eliġibbli għall-benefiċċji taħt l-Att dwar il-Promozzjoni ta' l-Investiment. Aktar minn dan, il-lista għandha tiġi kkunsidrata bħala lista pożittiva, li ċarament tiddefinixxi l-prodotti speċifiċi, l-produtturi li huma ppreferuti fuq oħrajn. Il-fatt li l-benefiċċji taħt l-Att dwar il-Promozzjoni ta' l-Investiment huma disponibbli għal 200 prodott differenti huwa rrelevanti minħabba li l-azjendi, li ma jipproduċux dawn il-prodotti huma eskluži minn kwalunkwe benefiċċju. B'hekk, is-sejbiet proviżjonali fir-rigward ta' l-ispeċifikalità huma kkonfermati.

(45) Fil-premessi nru, 193 u 196 tar-Regolament proviżjonali, nstab li l-proġetti li japplikaw għall-inċentivi tal-Bord ta' l-Investiment (BOI) għandhom jilħqu standard miżjud ta' 20 %. Instab proviżjonalment li din il-kondizzjoni tinkoraġġixxi intrapriżi sabiex jużaw prodotti domestiċi minflok dawk importati, u huwa konsegwentament, speċifiku taħt l-Artikolu 3(4)(b) tar-Regolament bażiku

(46) Wara l-iżvelar, il-GOT issottometta evidenza li l-kriterju tal-valur miżjud ma jobbligax lill-produtturi tal-PET sabiex jużaw oġġetti domestiċi fil-proċess tal-produzzjoni minflok oġġetti importati. Il-GOT ipprovda evidenza li turi li l-kriterju tal-valur miżjud jista' jintlaħaq biss jew il-materja prima importata hija użata għall-produzzjoni tal-prodotti lest. B'hekk, għall-prodott taħt l-investigazzjoni, il-programm m'huwiex konting̀enti fuq l-użu tal-prodott domestiku minflok dak importat fl-ambitu ta' l-Artikolu 3(4)(b) tar-Regolament bażiku.

2. **Eżenzjoni mit-taxxa tad-dħul għall-korpi ġuridiċi**

(47) Il-produttur li qed jesporta allega li dan għażel li juża t-telf nett akkumulat mis-snin preċedenti, minflok l-eżenzjoni mit-taxxa tad-dħul tal-korpi ġuridiċi, sabiex ipaċi l-profitt taxxabbli attwali, u konsegwentement ma' ottjena l-ebda benefiċċju waqt il-perjodu ta' l-investigazzjoni.

(48) Kien stabbilit li kumpanija li tibbenefika mill-eżenzjoni mit-taxxa tad-dħul u li fl-istess ħin tista tpaċi l-profitti mat-telf li jkun tmexxa 'l quddiem taħt dispożizzjonijiet normali tat-taxxa tista' tuża waħda miż-żewġ għażliet. Il-Ministeru tat-Tassazzjoni u l-Bord ta' l-Investiment Tajlandiż ikkonfermaw dan. Fil-każ preżenti, ġie stabbilit li l-produttur u esportatur uża l-eżenjoni mit-taxxa tad-dħul għall-korpijiet ġuridiċi minħabba li l-ammont ta' taxxi pagabbli ma ġiex ibbilanċjat mat-telf nett akkumulat. Fil-fatt, it-telf nett akkumulat kiber matul l-aħħar sena finanzjarja (minn 1 655 089 790 Baht għal 1 704 894 309 Baht). Jekk il-produttur u esportatur għażel li jibbilanċja l-profitti tiegħu mat-telf nett akkumulat, ma jkunx issodisfa s-sezzjoni tad-dħul mhux taxxabbli, li hija valida biss għad-dħul li jibbenefika mill-eżenzjoni BOI. Aktar minn dan, il-Bord ta' l-Appell tal-WHO stabbilixxa, fil-każ tal-ajruplan ċivili tal-Kanada ([1]), li sabiex jiġi ddeterminat jekk kontribuzzjoni finanzjarja fis-sens ta' l-Artikolu 1(1)(a)(I) tal-Ftehim SCM jikkonferixxi "benefiċċju", i.e. xi vantaġġ, huwa neċessarju li jiġi ddeterminat jekk il-kontribuzzjoni finanzjarja tpoġġix lir-reċipjent f'sitwazzjoni iktar vantaġġuża milli dan kien ikun kieku ma kellux il-kontribuzzjoni finanzjarja. Kif msemmi hawn fuq, il-produttur u esportatur jinsab f'pożizzjoni iktar vantaġġuża bl-użu ta' l-eżenzjoni mit-taxxa tad-dħul tal-korp ġuridiku, minħabba li din tkun tista' tmexxi 'l quddiem għall-użu futur ammont ikbar ta' telf akkumulat milli kieku din ma kienitx il-każ. B'hekk, il-produttur u esportatur, uża l-eżenzjoni mit-taxxa tad-dħul u ġab benefiċċju. B'hekk din it-talba ma tistgħax tiġi milqugħa.

([1]) Kanada – Miżuri li jaffettwaw l-esportazzjoni ta' ajruplani ċivili, Rapport tal-Korp ta' l-Appell, Dok. WT/DS70/AB/R, 2 ta' Awwissu 1999 (premessi nru. 149 et seq.)

3. **Eżenzjoni mid-dazju ta' l-importazzjonijiet fuq il-makkinarju**

(49) Minħabba li ma ġewx riċevuti ebda kummenti fir-rigward ta' din l-iskema, il-konklużjonijiet tal-premessi 202 sa 208 tar-Regolament proviżjonali huma b'dan ikkonfermati.

4. **Ammont ta' sussidji kompensatorji**

(50) Fuq il-bażi tal-kummenti riċevuti wara s-sejbiet proviżjonali, l-ammont ta' sussidji kompensatorji skond id-disposizzjonjiet tar-Regolament provizzjonali, espressi ad valorem, għall-produttur u esportatur investigat huwa ddeterminat bir-rata segwenti:

	Eżenzjoni mit-taxxa tad-dhul	Eżenzjoni mit-taxxa ta' l-importazzjonijiet tal-makkinarju	Total
Thai Shingkong, Industry Corporation Limited	8,13 %	0,35 %	8,4 %

(51) Minħabba li l-produttur u esportatur investigat akkonta għal virtwalment l-importazzjonijiet kollha tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità u li joriġinaw mit-Tajlandja, il-medja peżata tal-pajjiż tas-sussidju hija ħafna iktar mill-marġini applikabbli ta' 2 % de minimis.

E. **DEFINIZZJONI TA' INDUSTRIJA TAL-KOMUNITÀ'**

(52) Fin-nuqqas ta' nformazzjoni ġdida ssottomessa fir-rigward tad-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità, s-sejbiet kif stabbiliti fil-premessi 226 sa 231 tar-Regolament proviżjonali huma kkonfermati.

F. **DANNI**

1. **Rimarki preliminary**

(53) Ċerti partijiet interessati saqsew għaliex l-informazzjoni ssottmessa mill-industrija tal-Komunità ġiet użata biss għall-perjodu mill-1996 'l quddiem filwaqt li żviluppi fis-suq li seħħew qabel dan il-perjodu kienu bbażati fuq informazzjoni minn investigazzjonijiet indipendenti tas-suq.

(54) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-informazzjoni ssottomessa mill-industrija tal-Komunità għas-sena 1995 ma setgħetx tiġi użata minħabba l-qasma bejn Kodak u Eastman fl-1995 u l-attività ta' ristrutturar ta' Shell. La Shell u lanqas Eastman ma setgħu jipprovdu figuri kompluti għal din is-sena.

(55) Madanakollu, il-Kummissjoni kkunsidrat bħala essenzali li tagħti dehra ġenerali tal-kriżi ta' nuqqas li seħħet fis-suq tal-Komunità fl-1995 fid-dawl ta' l-impatt ta' dan li ġara kemm fil-prezzijiet u l-profitibilità ta' l-industrija tal-Komunità. Għalhekk, l-użu ta' riċerka indipendenti fis-suq kienet ikkunsidrata bħala xierqa sabiex tiġi stabbilita d-data neċessarja għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità waqt il-perjodu ta' l-analiżi, kif spjegat fil-premessa nru. 236.

2. **Konsum**

(56) Fin-nuqqas ta' informazzjoni ġdida ssottomessa li tgħid il-kuntrarju, s-sejbiet fir-rigward tal-konsum tal-prodott kkonċernat fil-Komunità kif spjegat fil-premessi 239 u 240 tar-Regolament proviżjonali huma kkonfermati.

3. **Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

Importazzjonijiet li joriġinaw mill-Korea, l-Indonesja u t-Tajwan

(57) Is-sejbiet kif deskritti fil-premessa nru. 242 tar-Regolament proviżjonali fir-rigward tal-marġini tas-sussidji de minimis għall-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Korea u l-Indonesja huma kkonfermati. Iż-żewġ pajjiżi huma b'hekk esklużi mill-istima tad-danni.

(58) Fid-dawl tas-sejbiet il-ġodda kif deskritti hawn fuq, il-marġini tas-sussidji li nstabu għall-importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajwan huma issa de minimis, b'hekk, dawk l-importazzjonijiet m'humiex meħuda f'konsiderazzjoni għall-istima tad-danni.

Importazzjonijiet li joriġinaw mill-Indja, Malasja u t-Tajlandja

(a) *Kumulazzjoni*

(59) Il-GOT allega li l-impotazzjonijiet li joriġinaw fil-pajjiż tiegħu m'għandomx jiġu stmati b'mod kumulattiv ma' importazzjonijiet oħrajn ikkonċernati minħabba li l-importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajlandja għandhom l-iżgħar sehem tas-suq mit-tlett pajjiżi kkonsidrati u li dawn ma kienux qed jinżlu taħt il-prezzijiet ta'l-industrija tal-Komunità u b'hekk juru li l-esportatur mit-Tajlandja ma weriex l-istess imġieba bħall-esportaturi mill-pajjiżi l-oħrajn. Kien ikkunsidrat li dawn l-elementi ma kienux ġodda u b'hekk ġew miċħuda u huwa kkonfermat li l-importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajlandja għandhom jiġu stmati kumuluttivament ma' importazzjonijiet li joriġinaw mill-Indja u l-Malasja.

(60) Il-gvernijiet ta' l-Indja u tal-Malasja allegaw li importazzjonijiet issussidjati biss li joriġinaw fil-pajjiżi rispettivi tagħhom għandhom jiġu akkumulati. Minħabba li kien stabbilit li l-marġini tal-medja tal-pajjiż peżata għall-importazzjonijiet investigati li joriġinaw mill-Indja u mill-Malasja kienu ogħla mill-marġini de minimis applikabbli għas-sussidji, l-esportazzjonijiet kollha tagħhom, lejn il-Komunità ġew meqjusa. Din l-allegazzjoni ġiet b'hekk miċħuda u kien konkluż li l-importazzjonijiet kollha li joriġinaw mill-Indja, Malasja u t-Tajlandja għandhom jiġu akkumulati sabiex issir l-istima tad-danni sofferti mill-industrija tal-Komunità.

(b) *Volum ta' l-importazzjonijiet*

(61) Kif turi t-tabella li jmiss, il-volum ta' l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Indja, l-Malasja u t-Tajlandja żdiedu b'mod qawwi bejn l-1996 u l-IP (żieda ta' kważi seba' darbiet iktar) sabiex tilħaq livell ta' 123 563 tunnellata.

Importazzjonijiet	1996	1997	1998	IP
Total: Indja, Malasja, Tajlandja	17 831 t	44 708 t	118 113 t	123 563 t
Indiċi (1996-100)	100	251	662	693

(62) Wara tkabbir sostanzjali bejn l-1996 u l-1998 meta l-importazzjonijiet żdiedu aktar mid-doppju, t-tkabbir ta' l-importazzjonijiet sar livell mill-1998 sal-IP. Għandu jiġi nnutat madankollu, li l-importazzjonijiet baqgħu jiżdiedu, għalkemm b'rata iktar baxxa, minkejja l-isforz magħmul mill-industrija tal-Komunità sabiex tqabbel il-kompetizzjoni tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet issussidjati u tilħaq is-sehem tas-suq.

(ċ) *Ishma tas-suq*

(63) Is-sehem tas-suq ta' l-importazzjonijiet ikkonċernati żviluppaw kif ġej:

Ishma tas-suq ta' l-importazzjonijiet	1996	1997	1998	IP
Total: Indja, Malasja, Tajlandja	2,2 %	4,1 %	9,0 %	9,2 %
Indiċi (1996-100)	100	190	417	424

(64) Is-sehem tas-suq ta' l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Indja, Malasja u t-Tajlandja laħqu id-9.2 % waqt il-IP. Din il-figura kienet aktar minn erba' darbiet mil-livell milħuq fl-1996, il-bidu tal-perjodu ta' analiżi. Bejn l-1998 u l-IP, is-sehem tas-suq ta' dawn l-importazzjonijiet sar livell, bħala riżultat ta' tnaqqis fil-volum ta' importazzjonijiet kif deskritt hawn fuq.

(d) *Prezzijiet ta' l-importazzjonijiet*

(65) Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet tal-prodotti kkonċernati li joriġinaw mill-Indja, l-Malasja u t-Tajlandja naqqsu b'34 % fuq il-perjodu ta' bejn 1996 u l-IP. Fuq bażi annwali dawn naqqsu b' 16 % bejn l-1996 u 1997, b' 5 % bejn 1997 u 1998 u bi 13 % bejn 1998 u l-IP. Fuq medja, id-dazju cif tal-prezz mhux imħallas għall-prodott ikkonċernat li joriġina f'dawn il-pajjiżi kien ta' 516 EUR/t waqt l-IP. Kien ikkonfermat, waqt l-investigazzjoni, li numru kbir ta' esportaturi kienu qed ibiegħu b'telf lejn il-Komunità, li jindika politika ta' pprezzar aggressiva fir-rigward tas-suq tal-Komunità.

(e) *Bejgħ taħt il-prezz*

(66) Il-bejgħ taħt il-prezz ta' l-importazzjonijiet mill-importazzjonijiet issussidjati, kkalkolata kif spjegat fil-premessa nru. 254 tar-Regolament proviżjonali, huwa kkonfermat kif ġej:

Il-varjozzjonijiet		
Indja	Malasja	Tajlandja
1,2 -7,9 %	11,8 -12,9 %	0 %

(67) Fin-nuqqas ta' rappreżentazzjonijiet u informazzjoni ġdida mill-partijiet interessati li jissuġġerixxu l-kuntrarju, is-sejbiet li jirrigwardjaw il-bejgħ taħt il-prezzijiet kif msemmi fil-premessa nru. 254 tar-Regolament proviżjonali huma kkonfermati. B'mod partikolari huwa nnotat li r-rati medji baxxi ta' bejgħ taħt il-prezz kienu minħabba l-oppressjoni li kienet ottenuta mill-mod ta' kif ġabu ruħhom il-produtturi u esportaturi fil-pajjiżi kkonċernati li biegħu il-prodotti kkonċernati fis-suq tal-Komunità bi prezzijiet li ma kienux biss issussidjati imma anke li għamlu t-telf.

4. **Impatt fit-tibdil ta' l-importazzjonijiet ikkonċernati għall-istima tad-danni u l-kawżazzjoni**

(68) Għandu jiġi nnutat li l-esklużjoni ta' l-importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajwan mill-analiżi tad-danni ma tbiddilx it-tradizzjoniet stabbiliti għall-importazzjonijiet ikkonċernati fir-Regolament proviżjonali. Huwa b'dan konkluż li s-sejbiet stabbiliti fir-Regolament proviżjonali dwar l-impatt ta' l-importazzjonijiet kkonċernati fis-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità u r-rabta każwali m'humiex mibdula mill-informazzjoni riveduta kif murija hawn fuq.

5. **Sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità**

(69) Skond l-Artikolu 8 [1] tar-Regolament bażiku, l-eżaminazzjoni ta' l-impatt ta' l-importazzjonijiet issussidjati fuq l-industrija tal-Komunità jinkludi evalwazzjoni tal-fatturi relevanti kollha u l-indiċijiet li għandhom influwenza fuq l-istat ta' l-industrija tal-Komunità.

Din l-eżaminazzjoni inkludiet il-fatturi mniżżla speċifikament fl-Artikolu 8 [2] tar-Regolament bażiku, Madanakollu, ċerti fatturi ma ġewx ikkunsidrati fid-dettal minħabba li nstab li dan ma kienx relevanti għall-istima tas-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità fil-kors ta' l-investigazzjonijiet (għall-pagi u stokk ara isfel). Fir-rigward ta' l-impatt fuq l-industrija tal-Komunità bill-magnitudni ta' l-ammont ta' sussidji kompensatorji, minħabba l-volum u l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, l-impatt ma jistgħax jiġi kkunsidrat bħala negliġibbli.

[1] Ara paġna 88 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p.1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 502/1999 (ĠU L 65, tat-12.3.1999, p. 1).

Fatturi eżaminati fir-Regolament proviżjonali

— Investimenti:

(70) Instab li ftit investimenti magħmulin minn produttur tal-Komunità li kkoopera ma' kienux ġew ikkunsidrati fl-istadju proviżjonali. Wara l-inklużjoni ta' dawn il-figuri, s-sitwazzjoni ta' l-investiment ma bidditx imġieba stabbilita minn qabel.

Xi partijiet interessati argumentaw li l-estent ta' l-investimenti magħmulin fl-1998 mill-industrija tal-Komunnità wrew li din kienet f'sitwazzjoni finanzjarja tajba. Oħrajn irrimarkaw li jekk il-livell ta' investimenti kien baxx waqt il-IP, dan kien konsegwenza tas-snin preċedenti li fiha l-industrija tal-Komunità rreġistrat telf u li din ma setgħetx tkun attribwita għall-effett ta' l-importazzjonijiet issusidjati waqt il-IP.

F'dan ir-rigward, l-investigazzjoni wriet biċ-ċar li n-nefqa fl-investimenti magħmula fl-1997, 1998 u fl-IP kienet, fil-maġġor parti tagħha konsegwenza tad-deċiżjonijiet lit tieħdu fl-1995 meta l-prospetti fis-settur tal-PET kienu tajbin (għalkemm it-telf seħħ fl-1996 din is-sitwazzjoni kienet meqjusa bħala temporanja). F'din it-tip ta' industrija, huwa iktar relevanti li teżamina l-pjanijiet għall-investiment milli ż-żmien tan-nefqa attwali. Kif stabbilit fil-premessa nru. 264 tar-Regolament proviżjonali, huwa kkonfermat li, bħala konsegwenza ta' aktar deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja minħabba sussidji dannużi waqt l-IP, l-industrija tal-Komunità ma ppjanatx espansjoni sinifikanti fil-kapaċità li tlaħħaq iż-żieda fid-domanda futura.

— Pagi u stokk:

Kienu eżaminati ukoll il-pagi u l-istokk, pero', l-pagi ma kienux ikkunsidrati bħala fattur relevanti minħabba li s-sehem tagħhom fuq in-nefqa ġenerali hija waħda żgħira u baqgħat stabbli waqt il-perjodu analiżżat. Fir-rigward ta' stokk, minħabba n-natura staġjonali tas-suq tal-PET, instab li l-livelli tal-PET ivarjaw sinifikament matul is-sena u b'hekk ma kienux ikkunsidrati bħala relevanti għall-analiżi tad-danni.

— Tkabbir:

Għalkemm ma kienx espressament imsemmi fir-Regolament proviżjonali, l-Kummissjoni eżaminat ukoll it-tkabbir fl-analiżi li għamlet tas-sehem tas-suq u li wera telf minimu għall-industrija tal-Komunità waqt il-perjodu ta' analiżi.

Fatturi oħra eżaminati

(71) Is-sitwazzjoni ta' l-industrija fir-rigward ta' l-indikaturi segwenti kienet eżaminata f'iktar fond.

— Kapaċità li jitkattar il-kapital:

Kif diġa' msemmi fir-Regolament proviżjonali, l-livell ta' telf esperjenzat waqt l-IP kien tali li l-edba pjan ta' investiment ġdid ma seta' jiġi miftiehem waqt l-IP. Dan ċarament ma tejjiebx il-kapaċita' ta' l-industrija tal-Komunità li tkattar il-kapital waqt dan il-perjodu minkejja ż-żieda fid-domanda antiċipata.

— Produttività:

Il-produttività f'termini ta' tunnellati prodotti għall-kull impjegat żdiedet b' 67 % mill-1996 sa l-IP u b'21 % mill-1998 sa' l-IP. Din iż-żieda konsiderevoli fil-produttività turi li l-industrija tal-Komunità għamlet l-isforzi kollha possibbli sabiex tibqa' kompetittiva.

— Ritorn fuq l-investimenti (ROI):

	1996	1997	1998	IP
Fuq Il-kapital mħaddem (1)	–6 %	–7 %	1 %	–8 %

(1) Ritorn fuq il-kapital mħaddem huwa definit bħala profitt ta' qabel it-taxxa wara aġġustament għal kwalunkwe dividenti ta' l-ishma preferuti, obligazzjonijiet u interess fuq self għal-perjodu twil ta' żmien imħallas/riċevut sabiex jaslu għal dik il-figura bħala dividend bl-ishma kollha tal-kapital u riżervi flimkien ma' obbligazzjonijiet u self ieħor fuq bażi twila ta' żmien.

L-indikatur imsemmi hawn fuq jirrifletti s-sitwazzjoni kollha ta' l-industrija tal-Komunità (inklużi l-aktar il-linji ta' kummerċ tal-PET). Il-verifikazzjoni wriet li parti kbira tat-tradizzjoni tal-kummerċ negattiva waqt l-IP setgħet tiġi attribwita lis-settur tal-PET. Dan l-indikatur huwa konformi mad-deterjorazzjoni tal-profittibilità ta' l-industrija tal-Komunità.

— Likwidtà:

(EUR)

1996	Likwidtà netta (ħierġa) mill-attivitajiet ta' l-operat	– 79 002 884
1997	Likwidtà netta (ħierġa) mill-attivitajiet ta' l-operat	84 901 988
1998	Likwidtà netta (ħierġa) mill-attivitajiet ta' l-operat	132 915 718
IP	Likwidtà netta (ħierġa) mill-attivitajiet ta' l-operat	51 115 757

L-indikatur t'hawn fuq jirrifletti s-sitwazzjoni ġenerali ta' l-industrija tal-Komunità (inklużi l-aktar il-linji tal-kummerċ tal-PET). Jirrappreżenta r-riżultat gross ta' l-operat ta' dawn l-azjendi, qabel il-multi finanzjarji, d-deprezzament u proviżjonijiet. Il-verifikazzjoni wriet li parti kbira mid-deterjorament waqt l-IP hija attriwibbli għas-settur tal-PET.

6. **Argumenti oħrajn li tqajjmu**

(a) *Argumenti ġenerali li tqajjmu għall-konklużjonijiet tal-Kummissjoni*

(72) Xi partijiet interessati wrew dubju fuq il-konklużjonijiet tal-Kummisjoni dwar id-danni minħabba li ftit mill-indikaturi tad-danni wrew tradizzjonijiet stabbli jew li qed jizdiedu. F'dan ir-rigward, numru mill-partijiet interessati waħħlu fil-livell baxx tal-bejgħ taħt il-prezz, iż-żieda fil-volum tal-bejgħ u l-istabbilità ġenerali ta' l-ishma tas-suq. Dawn ikkunsidraw li dawn l-indikaturi wrew li l-industrija tal-Komunità kienet tajba u li għalkemm il-prezzijiet kienu baxxi, dawn kienu fuq livell normali tenut kont tal-kondizzjonijiet prevalenti tas-suq.

(73) Dan l-argument ma' setgħax jiġi aċċettat. Kif stabbilit fir-Regolament proviżjonali, ż-żieda fil-bejgħ u r-rekupru tas-sehem tas-suq fl-IP, wara telf ta' 5 punt perċentwali bejn l-1997 u l-1998 seħħ meta l-industrija tal-Komunità naqqset konsiderevolment il-prezzijiet tagħha sabiex tqabbilhom ma' dawk ta' l-importazzjonijiet issussidjati. Kif spjegat fir-Regolament Proviżjonali, kien stabbilit li l-importazzjonijiet saru bi prezzijiet issussidjati. F'dan ir-rigward, il-livell baxx tal-bejgħ taħt il-prezz irriżulta mill-fatt li l-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità kienu baxxuti waqt l-IP. Dan id-deprezzament kien riżultat ta' l-importazzjonijiet issussidjati li kienu sostanzjali fit-termini tal-volum u s-sehem tas-suq u li ġiegħel l-industrija tal-Komunità sabiex tirreaġixxi bit-tnaqqis tal-prezzijiet.

(b) *Żviluppi li seħħew wara l-IP*

(74) Ħafna partijiet interessati u delegati mill-Istati Membri talbu l-Kummissjoni sabiex tanalizza u tagħti każ ta' ċerti żviluppi li seħħew wara l-IP. B'mod partikolari l-partijiet semmew iż-żieda mgħaġġla u sostanzjali fil-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità tal-PET fir-rigward taż-żieda fil-prezz tal-materja prima. Skond dawn il-partijiet, is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tjiebet drammatikament mill-IP u x'aktarx li l-industrija tal-Komunità ma kienitx qed isoffri iktar danni materjali.

(75) Għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 11(1) tar-Regolament bażiku jżomm li informazzjoni marbuta ma' perjodu wara l-IP, m'għandux, normalment, jingħata każ tagħha. Fuq il-bażi ta' każistika tal-Qorti, żviluppi wara l-IP jistgħu jitqiesu biss jekk dawn jagħmlu imposizzjoni ta' miżuri kompensatorji li huma manifestament mhux xierqa.

(76) Il-Kummissjoni analiżżat żviluppi fis-suq tal-PET waqt il-perjodu ta' disa' xhur wara l-IP i.e. l-1 ta' Ottubru 1999 sat-30 ta' Ġunju 2000. Instab li l-prezzijiet tal-bejgħ ta' PET magħmulin mill-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità urew tkabbir kontinwu. Il-prezz medju tal-bejgħ għall-perjodu ta' disa' xhur kien madwar 40 % ogħla mill-medja li nstabet għall-IP. Din iż-żieda kienet iktar mgħaġġla miż-żieda fin-nefqa (madwar 20 %) li wasslet għal titjib tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-industrija tal-Komunità. Madanakollu, fuq medja, waqt dan il-perjodu ta' disa' xhur, ir-ritorn tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità kien għadu negattiv b'-2 % li jindika li l-attivita' finanzjajra baqħet mhux sodisfaċenti u 'l bogħod mil-livell li jista' jassigua l-vijabbilità ta' din l-industrija.

(77) Din il-biddla drastika fil-prezziijet hija, l-parti kbira, dovuta minħabba żieda fil-prezzijiet taż-żejt li seħħet fin-nofs ta' l-1999 u li affettwat notevolment il-prezzijiet kollha tal-polimeri ftit xhur wara. Għandu jiġi nnutat ukoll li kien hemm żieda kostanti fil-bejgħ u s-sehem tas-suq ta' l-industrija tal-Komunità b'effet negattiv fuq l-importazzjonijiet issussidjati. Madankollu, t-tnaqqis fil-volum ta' l-importazzjonijiet issussidjati jista' jkun konsegwenza tal-ftuħ ta' investigazzjoni kontra s-sussidji. Fil-każ preżenti, l-iżvilupp fir-rata tal-kambju tad-dollar/euro għamlet l-importazzjonijiet ikkonċernati inqas attraenti.

(78) Għandu jiġi nnutat li r-rati tal-kambju, kif ukoll il-prezz taż-żejt, huma sensittivi ħafna u l-kambjamenti jistgħu jkunu temporanji. Aktar minn dan, jekk l-investigazzjoni li għaddejja kontra s-sussidji tintemm mingħajr ma jiġu imposti miżuri, l-importazzjonijiet issussidjati jistgħu jerġgħu jieħdu sehemhom fis-suq.

(79) Fuq il-bażi ta' dan t'hawn fuq, kien konkluż li l-iżviluppi li seħħew wara l-IP ma jurux li d-danni kawżati mill-importazzjonijiet issussidjati sparixxew. Bħala riżultat, l-imposizzjoni ta' miżuri kompensatorji m'hijiex manifestament mingħajr kawża.

7. **Koklużjoni fuq id-danni**

(80) Peress li ma ġew riċevuti l-ebda argumenti dwar id-danni sofferti mill-industrija tal-Komunità, il-konklużjoni li l-industrija tal-Komunità sofriet danni materjali fl-ambitu ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku huma stabbiliti fil-premessi nru. 265 sa 268 tar-Regolament proviżjonali, huma b'hekk ikkonfermati.

G. **KAWŻAZZJONI**

(81) Bosta partijiet interessati baqgħu jaqblu li l-Kummissjoni kkonkludiet ħażin li l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati kienu l-kawża tad-danni sofferti mill-industrija tal-Komunità filwaqt li, fl-opinjoni tagħhom, is-sitwazzjoni ta' din l-industrija u l-livell ta' prezzijeit fis-suq tal-Komunità seħħew minħabba kumbinazzjoni ta' fatturi oħrajn. F'dan il-kuntest, dawn tennew il-punti li kienu diġa' tqajjmu fl-istadju proviżjonali (inklużi l-prezz tal-materja prima, s-sitwazzjoni ta' fqiegħ tal-kapaċità, l-kompetizzjoni bejn il-produtturi tal-PET).

(82) Minħabba li ma ġewx riċevuti argumenti ulterjuri dwar il-kawża tad-danni sofferti mill-industrija tal-Komunità, il-konklużjoni li l-importazzjonijiet ta' PET mill-pajjiżi kkonċernati kienet il-kaġun ta' danni lill-industrija tal-Komunità kif spjegat fil-premessa nru. 290 tar-Regolament proviżjonali hija b'dan ikkonfermata.

H. **INTERESS TAL-KOMUNITÀ'**

1. **Effett li x'aktarx ikollha l-imposizzjoni ta' miżuri fuq l-industriji downstream**

(a) *Investigazzjoni ulterjuri*

(83) Fid-dawl tal-livell baxx ta' kooperazzjoni mill-utenti waqt l-ewwel stadju ta' l-investigazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li tinvestiga iktar l-effett li x'aktarx ikollha l-imposizzjoni ta' miżuri fuq l-industriji downstream. B'hekk, il-Kummissjoni bagħtet 90 kwestjonarju, ġdid u sempliċi, lill-utenti tal-PET, ftit minnhom kienu diġa' kuntattati imma ma kienux taw risposta. 19-il azjenda li qabel ma kienux ikkooperaw issottomettew risposti fil-limiti stabbiliti.

Il-kumpaniji l-ġodda li kkooperaw huma:

— tlett azjendi li jbiddlu l-prefroma/fliexkun:
Lux PET GmbH & Co. (Lussemburgu)
Puccetti SpA (Italja)
EBP SA (Spanja)

— erba' produtturi tal-film PET u pjanċi bl-użu tal-prodott ikkonċernat:
RPC Cobelplast Montonate Srl (Italja)
Moplast SpA (Italja)
Alusuisse Thermoplastic (Renju Unit)
Klöckner Pentaplast BV (L-Olanda)

— erba' produtturi ta' xorb non-alkoħoliku:
L'Abeille (Franza)
Pepsico Food Beverages Intl. Ltd (Italja)
Pepsico France (Franza)
Europe Embouteillage Snc (Franza)

— tmien produtturi ta' ilma minerali
Aguas Minerales Pasqual SL (Spanja)
Eycam Perrier SA (Spanja)
Font Vella SA & Aguas de Lanjarón SA (Spanja)
Italaquae SpA (Italja)
Neptune SA (Franza)
Roxane SA (Franza)
San Benedetto (Italja)
Società generale delle acque minerali arl (Italja)

Fit-total, l-informazzjoni sottomessa mill-azjendi li kkompletaw jew l-ewwel jew it-tieni kwestjonarju koprew 26 % tal-konsum tal-Komunità tal-PET waqt il-IP. Il-figuri ta' l-ispiża stabbilita billi tgħaqqad din l-informazzjoni kienet ikkunsidrata bħala rappreżentattiva tas-sotto-setturi ta' l-utenti differenti, minħabba li informazzjoni individwali tal-kumpaniji uriet livell għoli ta' konsistenza fost il-kumpaniji li jappartjenu fl-istess sotto-setturi.

(84) Wara l-imposizzjoni tal-miżuri proviżjonali, ġew riċevuti bosta sottomissjonijiet mill-utenti jew l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom. Dawn fil-maġġoranza tagħhom kienu magħmulin minn kummenti fuq l-iżviluppi passati fis-suq tal-PET u diskussjonijiet fuq l-impatt possibbli ta' miżuri fuq is-setturi ta l-untenti. Dawn is-sottomissjonijiet oriġinaw minn:

— Schmalbach-Lubeca, l-ikbar azjenda li titrasforma materji fl-Ewropa(18 % tal-konsum ta' PET fil-Komunità);

— l-assoċċjazzjoni tal-"European Plastic Converters" (EUPC);

— UNESDA, assoċċjazzjoni li tirrapreżenta l-produtturi tax-xarbiet non-alkoħoliċi;

— il-grupp Nestlé, li tenna li l-figuri mogħtija għas-suq Franċiż huma rappreżentattivi tas-suq ġenerali Ewropew. (ix-xerrejja totali Ewropej tal-PET bil-grupp jirrapreżentaw xi 9 % tal-konsum tal-Komunità ta' PET li minnhom 3 % huma tas-suq Franċiż biss).

Dawn is-sottomissjonijiet, kif ukoll dawk magħmulin minn assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw il-produtturi ta' l-ilma (li għamlu lihom infushom magħrufa waqt l-ewwel stadju ta' l-investigazzjoni) ġew meħuda f'konsiderazzjoni, u fit-total is-sottomissjonijiet kollha jirrappreżentaw ta' l-anqas nofs is-suq.

(b) *Deskrizzjoni tas-settur ta' l-utenti*

(85) Wara li l-informazzjoni mogħtija ġiet analizzata, instab li s-settur ta' l-utenti, qabel ikkunsidrat bħala tlett gruppi (il-produtturi tal-preforma, il-produtturi ta' l-ilma u il-produtturi tax-xorb non-alkoħoliku integrati), huwa aktar speċifikament deskritt bħala żewġ gruppi:

— dawk li jittrasformaw il-materja, inklużi produtturi ta' preformi u fliexken kif ukoll produtturi ta' pjanċi. Dawn l-utenti qed jagħmlu azzjoni sempliċi ta' trasformazzjoni; b'hekk il-prezz tal-PET huwa ċertament l-iktar element tagħhom li jiswa flus. Il-produtturi tal-fliexken u l-preformi jbiegħu l-parti 'l-kbira tal-produzzjoni tagħhom lill-bottiljaturi tax-xorb non-alkoħoliku. Il-produtturi tal-pjanċi, li jirrapreżentaw biss porzjon żgħir tas-settur tal-konvertituri, jbiegħu lit-tipi differenti ta' industriji li jużaw il-pjanċi l-aktar sabiex jippakkettaw il-prodotti tagħhom.

— Il-bottiljaturi tax-xorb mhux alkoħoliku, inkluż ilma karbonizzat u xorb mhux karbonizzat, ħalib, spremuti tal-larinġ eċċ. Il-qasma ta' dan il-grupp ta' utenti bejn il-produtturi ta' l-ilma u tax-xorb non-alkoħoliċi m'hijiex relevanti minħabba li f'ħafna każijiet l-istess produttur jibbottilja kemm l-ilma kif ukoll xarbiet non-alkoħoliċi. Huwa iktar importanti li ssir distinzjoni bejn ix-xorb differenti li dawn jagħmlu minħabba, f'termini relattivi, s-sehem tal-PET fl-ispiża tal-produzzjoni jiddependi fuq il-prezz intrinsiku ta' dak ix-xorb (sodas, jew spremuti jeħtieġu iktar spejjeż mill-ilma). Fi kwalunkwe każ, il-PET jibqa' element tan-nefqa importanti u problemi li jkollhom jaffaċjaw il-produtturi dwar il-fornitura li dawn għandhom ta' PET hija similari minkejja kwalunkwe prodott li dawn jipproduċu.

(86) Għandu jiġi nnutat li hemm rabta ta' l-operat qawwija bejn it-trasformaturi (bl-eċċezzjoni tal-produtturi tal-pjanċi) u l-bottijlaturi.

— Il-bottiljaturi jixtru l-produzzjoni kważi kollha tat-trasformaturi.

— Kull trasformatur għandu numru limitat ta' klijenti (ħafna mid-drabi wieħed biss).

— It-trasformaturi joperaw fuq bażi kontrattwali mal-klijenti tagħhom, u dawn il-kuntratti ġeneralment jinkludu jew dispożizzjonijiet li awtomatikament jirriflettu t-tibdil fil-prezzijiet tal-PET jew huma re-innegozzjati fuq bażi regolari.

Konsegwentement, l-impatt tal-miżuri kif deskritti hawn isfel m'għandux jiġi akkumulat minħabba li l-parti l-kbira ta' l-impatt tal-miżuri ser jiġi mgħoddi direttament fuq il-klijenti l-maġġuri tat-trasformaturi i.e. bottiljaturi ta' xorb mhux alkoħoliku.

(Ċ) *Impatt previst tal-miżuri fuq l-utenti*

(87) Wara li ġew meqjusa l-figuri l-ġodda provduti, s-sitwazzjoni ta' l-utenti, li fornew informazzjoni kwantifikata, kienet kif ġej:

		Konsum ta' PET bħala % mill-konsum tal-Komunità	PET bħala % tan-nefqa għall-produzzjoni.	Impjegati involuti fil-prodotti li jużaw il-PET
Trasformaturi	Produtturi tal-preforma u tal-fliexken	7	66	770
	Produtturi tal-pjanċi	1	55	186
Bottiljaturi ta' xorb mhux alkoħoliku	Ilma minerali	18	24	6 766
	Xorb mhux alkoħoliku	1	9	298
TOTAL		26		8 020

(d) *Impatt fuq it-trasformaturi*

(88) Kien stmat li l-imposizzjoni tal-miżuri kompensatorji proposti, tenut kont tal-volumi ta' xiri ta' PET li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati waqt l-IP, jirriżulta f'żieda ta' 0.75 % fil-prezz tal-produzzjoni ta' trasformaturi li jipproduċu l-preformi u l-fliexken. Fl-istess termini, l-impatt ta' miżuri fuq il-produtturi tal-pjanċi jkun ta' madwar 0,4 %. Minħabba r-rabta kontrattwali mal-klijenti tagħhom, x'aktarx li t-trasformaturi jkunu kapaċi jgħaddu l-parti l-kbira taż-żieda fl-ispiża tagħhom fuq il-klijenti. L-impatt tal-miżuri kompensatorji fuq il-profitibilità ta' dawn l-azjendi hija b'hekk stmata bħala waħda limitata ħafna.

(e) *Impatt fuq il-bottiljaturi tax-xorb mhux alkoħoliku*

(89) Kien stmat li l-imposizzjoni tal-miżuri kompensatorji proposti, kkonsidrat il-volum tagħhom ta' xiri tal-PET li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati waqt l-IP, jirriżulta f'żieda medja ta' inqas minn 0,2 % ta' l-ispiża tal-produzzjoni tal-bottiljaturi ta' xorb mhux alkoħoliku. B'hekk jista' jiġi kkunsidrat li ż-żieda fl-ispiża tkun negliġibbli.

2. **Il-prezz tal-bejgħ bl-imnut tax-xorb**

(90) Instab li l-prezzijiet ta' l-ilma bbottiljat u xorb mhux alkoħoliku żdied b'rata relattivament kostanti ta' 1-2 % għal kull sena fuq l-għaxar snin li għaddew (statistika tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut tal-Eurostat). Waqt l-istess perjodu, l-prezzijiet tal-PET kienu instabbli ħafna, mingħajr, madankollu, ma jinfluwenzaw il-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut ta' l-ilma jew ix-xorb mhux alkoħoliku bbottiljat. B'hekk, it-talba fir-rigward ta' l-impatt potenzali ta' l-inflazzjoni fuq il-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut ta' l-ilma bbotiljat u xorb mhux alkoħoliku hija miċħuda.

3. **Effett li x'aktar ikollha l-imposizzjoni ta' miżuri fuq l-industrija tal-Komunità u industriji upstream.**

(91) Il-miżuri proposti, x'aktarx, ser jibbenefikaw lill-industrija tal-Komunità, li, bl-isforzi tar-ristrutturar u ż-żieda impressjonanti fil-produttività, uriet id-determinazzjoni li żżomm il-preżenza tagħha fis-suq tal-Komunità li qiegħed dejjem jikber. L-imposizzjoni ta' miżuri ser tħalli din l-industrija titjieb sabiex iżżid il-profitabilità u jkollha l-possibilità li tagħmel investimenti ġodda, li huma kruċjali, f'attività daqshekk intensiva fuq il-kapital, sabiex tassigura l-preżenza vijabbli fit-tul taż-żmien fil-Komunità.

(92) Minħabba li s-sitwazzjoni ta' l-industrija upstream tal-Komunità tiddependi fuq is-saħħa finanzjarja tal-produtturi tal-PET tal-Komunità, t-titjib tas-sitwazzjoni ta' dan ta' l-aħħar ser tibbenefika ukoll, minħabba l-imposizzjoni ta' miżuri, l-industrija upstream. Dan kien ikkonfermat mill-azjendi li kkooperaw ta' l-industriji upstream.

4. **Konklużjoniijet fuq l-interess tal-Komunità**

(93) Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni addizzjonali miġjuba mill-utenti, kien konkluż li l-impatt tal-miżuri fuq l-utenti jkun limitat. Filfatt, minħabba li t-trasformaturi huma kapaċi jmexxu l-parti l-kbira taż-żieda fl-ispiża fuq il-klijenti tagħhom, l-impatt konsolidat tal-miżuri fuq il-produtturi tax-xorb hija stmata bħala waħda marġinali fuq il-profitabilità ta' dan is-settur.

(94) Aktar minn dan, huwa kkonfermat li r-rilokalizazzjoni tal-produzzjoni tal-preformi barra mill-komunità x'aktarx li ma sseħħx. Il-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut tax-xorb alkoħoliku m'humiex affettwati ħafna s-soltu bl-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-PET u l-imposizzjoni tal-miżuri hija ċarament fl-interess ta' l-industrija tal-Komunità u industriji upstream.

(95) Minħabba li l-ebda argument ieħor ma kien riċevut fir-rigward ta' l-interess tal-Komunità, il-konklużjoni tar-Regolament proviżjonali li m'hemm l-ebda raġunijiet għaliex m'għandhomx jiġu mposti miżuri, kif stabbiliti fil-premessa nru. 344 tiegħu, hija b'dan ikkonfermata.

I. **DAZJI MHUX IMPOSTI**

(96) Fid-dawl tas-sejbiet imniżżla hawn fuq li l-medja peżata tal-pajjiż fir-rigward tal-marġini tas-sussidji għall-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Indonesja, il-Korea u t-Tajwan huma de minimis, ġie deċiż b'mod definit li ma jkunux imposti miżuri kompensatorji fir-rigward ta' l-importazzjonijiet li joriġinaw minn dawn il-pajjiżi. Konsegwentement, il-proċediment fir-rigward ta' l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi għandha tkun mitmuma.

J. KORS TA' AZZJONI DEFINITTIV

(97) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħħqu fir-rigward ta' l-issussidjar, danni, kawżazzjoni u l-interess tal-Komunità, huwa meqjus li l-miżuri kompensatorji definittivi għandhom jittieħdu sabiex jipprevjenu iktar danni milli jkunu kawżati lill-Komunità mill-importazzjonijiet ssussidjati li joriġinaw mill-Indja, l-Malasja u t-Tajlandja.

(98) Fin-nuqqas ta' informazzjoni ġdida, il-metodoloġija użata sabiex jkun stabbilit il-livell ta' eliminazzjoni tad-danni kif deskritti fil-premessi nru. 349 u 350 tar-Regolament proviżjonali hija b'dan ikkonfermata.

(99) Sabiex jiġi evitat li ċ-ċaqliq fil-prezz taż-żejt jirriżulta f'dazji għola, huwa kkonsidrat bħala xieraq li d-dazji fil-forma ta' ammont speċifiku għal kull tunnellata għandha tiġi imposta. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' rata ta' dazji kompensatorja għall-prezzijiet ta' esportazzjoni CIF użata għall-kalkolazzjoni tal-livell ta' eliminazzjoni ta' danni waqt l-IP.

(100) Dan wassal għar-rati ta' dazju kompensatorji li ġejjin (EUR għal kull tunnellata) għall-produtturi u esportaturi li kkooperaw:

(a) INDJA

Reliance Industries Limited	41,3 EUR/t
Pearl Engineering Polymers Limited	31,3 EUR/t
Elque Polyesters Limited	22,0 EUR/t
Futura Polymer Limited	0

(b) MALASJA

MPI Polyester Industries Sdn. Bhd.	0
Hualon Corporation (M) Sdn. Bhd.	16,6 EUR/t

(ċ) TAJLANDJA

Thai Shinkong Industry Corporation Limited	49,1 EUR/t

(101) Sabiex jiġi evitat li jingħata bonus għan-nuqqas ta' kooperazzjoni, kien ikkunsidrat xieraq li r-rata ta' dazju għall-azjendi li ma kkooperawx jiġi stabbilit bħala l-ogħla rata stabbilita għal kwalunkwe produttur u esportatur, i.e, 41,3 EUR/t għall-produtturi Indjani, 16,6 EUR/t għall-produtturi mill-Malasja u 49,1 EUR/t għall-produtturi Tajlandiżi.

(102) Id-dazji kompensatorji speċifiċi għall-azjendi individwali speċifikati f'dan ir-Regolament kienu stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' l-investigazzjoni preżenti. B'hekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni misjuba waqt l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn l-azjendi. Dawn id-dazji (kif opposti mid-dazju applikabbli għall "azjendi l-oħajn kollha") huma b'hekk esklussivament applikabbli għall-entitajiet speċifiċi msemmija. Prodotti importati u pprodotti minn kwalunkwe azjenda oħra mhux speċifikament imsemmija fil-parti operativa ta' dan ir-Regolament b'isimha, inkludiet entitajiet marbuta ma' dawk speċifikament imsemmija, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn id-dazji u għandhom ikunu soġġetti għad-dazji applikabbli għall-"azjendi l-oħrajn kollha".

(103) Kwalunkwe talba għall-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazji kompensatorji individwali (eż. Wara bidla fl-isem ta' l-entità jew wara l-istabbiliment ta' produzzjoni ġdida jew entitajiet ta' bejgħ) għandha tiġi indirizzata lejn il-Kummissjoni [1], flimkien ma' l-informazzjoni relevanti kollha, b'mod partikolari kwalunkwe modifika fl-attivitajiet ta' l-azjenda marbuta mal-produzzjoni, domestika u bejgħ bl-esportazzjoni assoċjata ma', e.g. bidla fl-isem jew dik il-bidla fil-produzzjoni u entitajiet tal-bejgħ. Il-Kummissjoni, jekk xieraq, għandha, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, temenda r-Regolament kif xieraq billi taġġorna l-lista tal-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati ta' dazju individwali.

---

[1] Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali tal-Kummerċ
Direttorat C
TERV 0/13 Rue de la Loi/Wetstraat 200
B - 1049 Brussels.

K. ĠBIR TAD-DAZJI PROVIŻJONALI

(104) Fid-dawl ta' l-ammont ta' sussidji kompensatorji misjuba għall-produtturi li jesportaw u fid-dawl tas-serjetà tad-danni kkawżati lill-industrija tal-Komunità, kien ikkunsidrat bħala neċessarju li l-ammonti garantiti bħala dazji proviżjonali kompensatorji taħt ir-Regolament (KE) Nru. 1741/2000 ikunu miġbura definittivament sa' l-ammont ta' dazji definittivi imposti. F'dawk il-każijiet, fejn id-dazji definittivi huma għola mid-dazji proviżjonali, l-ammonti garantiti fuq il-livell ta' dazji proviżjonali biss għandhom jiġu miġbura. L-ammonti garantiti permezz ta' dazji proviżjonali kompensatorji fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tereftalat tal-polietilene li joriġina mit-Tajwan għandhom jiġu meħlusa.

L. SERVIZZI OFFERTI

(105) Sussegwentement għall-imposizzjoni tad-dazji proviżjonali kompensatorji, żewġ produtturi u esportaturi fl-Indja offrew prezz tas-servizzi offruti skond l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

(106) Il-Kummissjoni tikkonsidra li s-servizzi offerti minn Reliance Industries Limited u Pearl Engineering Polymers Limited jistgħu jiġu aċċettati [1] minħabba li dawn jeliminaw l-effetti ta' danni tas-sussidji. Aktar minn dan, ir-rapport regolari u dettaljat li l-azjendi ogglibaw ruħhom li jagħtu lill-Kummissjoni ser jippermettu kontroll effettiv. Ukoll, l-istruttura tal-bejgħ ta' dawn l-azjendi hija tali li l-Kummissjoni tikkonsidra li r-riskju ta' ċirkumvenzjoni ta' l-obbligazzjonijiet tkun minima.

(107) Sabiex ikun assigurat ir-rispett effettiv u l-kontroll ta' dawn is-servizzi, meta tiġi ppreżentata t-talba sabiex il-prodotti jkunu jistgħu jiċċirkolaw liberament, l-eżenzjoni mid-dazju hija kondizzjonata fuq il-preżentazzjoni lid-dwana ta' l-Istat Membru kkonċernat ta' "Riċevuta għas-servizzi" maħruġa mill-produttur li jkun qed jesporta u li jkun accetta s-servizzi u li għandhom l-informazzjoni mniżżla f'dan l-Anness. Meta din l-irċevuta ma tkunx ippreżentata, jew fejn din ma tikkorispondix mal-prodott ppreżentat fid-dwana, r-rata xierqa ta' dazju kompensatorju għandha tiġi mħallsa sabiex tassigura l-applikazzjoni effettiva ta' l-obligazzjoni.

(108) Fil-każ ta' ksur jew irtirar ta's-servizzi, jista' jiġi impost dazju kompensatorju, skond l-Artikolu 13(9) u (10) tar-Regolament bażiku.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

1. Dazju kompensatorju definit huwa b'dan impost fuq l-importazzjonijiet tat-tereftalat tal-polietilene b'koeffiċjent ta' viskożità ta' 78 ml/g jew ogħla, skond id-DIN (Deutsche Industrienorm) 53728, li jaqa' fil-kodiċi CN 3907 60 20 u l-kodiċi CN ex 3907 60 80 (kodiċi TARIC 3907 60 80 10).

2. B'eċċezzjoni għal dak li huwa provdut fil-paragrafu 3, ir-rata tad-dazju definittiv kompensatorju applikabbli għall-prezz nett, liberu fuq il-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju, għall-prodotti li joriġinaw mill-pajjiżi segwenti, għandhom ikunu kif ġej:

Pajjiż	Dazju definit EUR għal kull tunnellata	Kodiċi TARIC addizjonali
Indja	41,3	A999
Malasja	16,6	A999
Thajlandja	49,1	A999

[1] Ara paġna 88 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

3. Ir-rati t'hawn fuq m'għandhomx japplikaw għall-prodotti magħmula mill-azjendi mniżżlin hawn isfel, li għandhom ikunu soġġetti għar-rati ta' dazju kompensatorju li ġejjin:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju definittiv (EUR għal kull tunnellata)	Kodiċi TARIC addizjonali
Indja	Reliance Industries Limited	41,3	A181
India	Pearl Engineering Polymers Limited	31,3	A182
Indja	Elque Polyesters Limited	22,2	A183
Indja	Futura Polymer Limited	0	A184
Malasja	MPI Polyester Industries Sdn. Bhd.	0	A185
Malaysia	Hualon Corporation (M) Sdn. Bhd.	16,6	A186
Tajlandja	Thai Shingkong Industry Corporation Limited	49,1	A190

4. Fil-każijiet fejn il-merkanzija ġiet danneġġata qabel ma daħlet fic-ċirkulazzjoni libera u, b'hekk, il-prezz li attwalment ġie mħallas jew li għandu jiġi mħallas huwa mqassam skond id-determinazzjoni tal-valur tad-dazju skond l-Artikolu 145 [1] tar-Regolament tal-Kummissjoni stabbilita hawn fuq, għandu jiġi mnaqqas b'perċentwali li jikkorrispondi għat-tqassim tal-prezz attwalment imħallas jew li jrid jitħallas.

5. Minkejja il-paragrafu nru. 1, id-dazju definittiv m'għandux japplika għall-importazzjonijiet realizzati għas-suq liberu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu2.

6. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fir-rigward tar-rati doganali għandhom japplikaw.

Artikolu 2

1. L-importazzjonijiet għandhom ikunu eżentati mid-dazji kompensatorji imposti mill-Artikolu 1 sakemm dawn huma prodotti u esportati direttament (ie. Mibjugħa u trasbordati) lill-azjenda li taħdem bħala importatur lejn il-Komunità mill-Kumpanijia msemmija fil-paragrafu nru. 3, dikjarat taħt il-kodiċi addizjonali TARIC xieraq u, sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 huma milħuqa.

2. Meta tiġi ppreżentata t-talba sabiex il-prodotti jinħelsu għaċ-ċirkolazzjoni libera, l-eżenzjoni mid-dazji għandha tkun kondizzjonali fuq il-preżentazzjoni lis-servizzi doganali ta' l-Istat Membru kkonċernat ta' "Riċevuta għas-servizzi" maħruġa mill-azjendi li jesportaw imsemmija fil-paragrafu nru.3, u li jkun fiha l-elementi essenzali mniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Eżenzjoni mid-dazji għandha tkun kondizzjonali ukoll għall-prodotti ddikjarati u ppreżentati fid-dwana u li tikkorrispondi preċiżament għad-deskrizzjoni ta' "Riċevuta għas-servizzi".

3. Importazzjonijiet akkumpanjat b' "Riċevuta għas-servizzi" għandhom jiġu ddikjarati taħt il-kodiċi TARIC addizzjonali:

Kumpanija	Pajjiż	Kodiċi TARIC addizzjonali
Reliance Industries Limited	Indja	A181
Pearl Engineering Polymers Limited	Indja	A182

[1] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat bif-Regolament (KE) Nru 502/1999 (ĠU L 65, tat-12.3.1999, p. 1).

Artikolu 3

L-Ammonti garantiti permezz ta' dazji proviżjonali kompensatorji skond ir-Regolament (KE) Nru. 1741/2000 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti tipi ta' tereftalat tal-polietilene li joriġina mill-Indja, l-Malasja u t-Tajlandja għandhom jiġu miġbura bir-rata ta' dazju definittiv imposta. Ammonti garantiti li huma ta' iktar mir-rata definittiva ta' dazji kompensatorji għandhom jiġu liberati.

Artikolu 4

Il-proċedimant kontra l-issussidjat fir-rigward ta' importazzjonijiet tat-tereftalat tal-polietilene li joriġina mill-Indonesja, r-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan hija b'dan mitmuma.

Artikolu 5

L-ammonti garantiti bħala dazji proviżjonali kompensatorji skond ir-Regolament (KE) Nru. 1741/2000 fuq l-importazzjoni ta' tereftalat tal-polietilene li joriġina mit-Tajwan għandu jiġi meħlus.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel fis-27 ta' Novembru 2000.

Għall-Kunsill

Il-President

L. FABIUS

L-ANNESS

Elementi li għandhom jiġu indikati fir-"Riċevuta għas-servizzi" msemmi fl-Artikolu 2(2):

1. In-numru ta' l-irċevuta.
2. Il-Kodiċi addizzjonali TARIC li taħtu l-prodotti fl-irċevuta jistgħu jkunu meħlusa fid-dwana fil-fruntiera tal-Komunità, (kif spjegat fir-Regolament).
3. Id-Deskrizzjoni eżatta ta' l-oġġetti, inklużi:
   — in-numru tal-kodiċi tal-prodott (PRC) (kif stabbilit fis-servizz offrut mill-esportatur u produttur fil-kwestjoni)
   — il-kodiċi CN
   — kwantità (li għandha tingħata bħala unitajiet)
4. Id-deskrizzjoni tat-termini tal-bejgħ, inklużi:
   — price per unit,
   — it-termini tal-ħlas applikabbli
   — it-termini applikabbli sabiex jiġu trasportati lejn id-destinazzjoni intiża
   — tnaqqis u skontijiet totali.
5. Isem tal-Kumpanija li qed taħdem bħala importatur li għaliha l-irċevuta qed tinħareġ direttament mill-Kumpanija.
6. L-isem ta' l-Uffiċċjal tal-Kumpanija li ħareġ l-irċevuta għas-servizzi u d-dikjarazzjoni segwenti:

   "Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-bejgħ għall-esportazzjoni diretta lejn il-Komunità Ewropea tal-prodotti koperti b'din l-irċevuta qed issir fl-ambitu u fit-termini tas-servizzi offruti minn …… (kumpanija) u aċċettati mill-Kummissjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni 2000/745/KE. Jien niddikjara li l-informazzjoni misjuba f'din l-irċevuta hija sħiħa u korretta."